



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 29 ta' Mejju 2013 (09.07)
(OR. en)**

**8912/1/13
REV 1**

**PUBLIC 22
INF 67**

NOTA RIVEDUTA

Suġġett:	SOMMARJU TA' KULL XAHAR TA' ATTI TAL-KUNSILL FRAR 2013
----------	--

Dan id-dokument jelenka l-atti adottati mill-Kunsill fi FRAR 2013^{1 2}.

Huwa jagħti informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti leġislattivi, b'mod partikolari:

- id-data tal-adozzjoni,
- is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill,
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza għal Il-Ġurnal Uffiċjali,
- ir-regoli applikabbli għall-votazzjoni, ir-riżultati tal-votazzjoni u, fejn xieraq, l-ispjegazzjonijiet dwar il-votazzjoni u dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill.

¹ Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet proċedurali, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi mwaqqfa bi ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

² Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati fil-proċedura leġislattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta l-att leġislattiv jiġi adottat u d-data attwali tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi adottati fil-proċedura leġislattiva ordinarja jitqiesu biss li jkunu ġew adottati wara l-iffirmar kemm mill-President tal-Kunsill u l-President tal-Parlament Ewropew kif ukoll mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ Istituzzjonijiet.

Dan id-dokument fih ukoll informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti mhux leġislattivi li l-Kunsill iddeċieda li jagħmel pubblika.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fuq is-sit elettroniku tal-Kunsill fuq:

<http://consilium.europa.eu/documents/legislative-transparency/monthly-summaries-of-council-acts>

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill:

<http://consilium.europa.eu/documents/access-to-council-documents-public-register>

Għandu jiġi nnotat li dan id-dokument huwa esklussivament għall-informazzjoni - il-minuti tal-Kunsill biss huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-Kunsill fuq:

<http://consilium.europa.eu/documents/legislative-transparency/monthly-summaries-of-council-acts>

**INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL
FI FRAR 2013**

It-3219-il laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Ġenerali), li saret fi Brussell fl-4 ta' Frar 2013

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill li tapprova l-konklużjoni, mill-Kummissjoni, ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika (Euratom) u l-Organizzazzjoni għall-Iżvilupp tal-Enerġija fil-Peniżola Koreana (KEDO)	5681/13
Dikjarazzjoni konġunta mill-Kummissjoni u mill-Kunsill "F"konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (dokument 8873/12) li toħroġ direttivi lill-Kummissjoni biex jiġi nneozjat it-tiġdid tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika (Euratom) u l-Organizzazzjoni għall-Iżvilupp tal-Enerġija tal-Peniżola Koreana (KEDO) u mad-direttivi ta' negozjar tagħha, il-Kunsill u l-Kummissjoni jiddikjaraw li: 1. L-Euratom ser tipparteċipa fil-KEDO bil-għan li timplimenta t-terminazzjoni tal-proġett tar-reattur b'ilma ħafif (LWR) u t-tmiem tal-KEDO. Il-Kummissjoni, bħala r-rappreżentanta tal-Euratom fuq il-Bord Eżekuttiv tal-KEDO, ser tippoteġi l-interessi finanzjarji tal-Euratom u għal dak il-għan ser tagħmel hilita biex tirkupra l-investimenti tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika (Euratom) fil-KEDO; 2. L-Euratom m'hi se tagħmel l-ebda kontribuzzjoni finanzjarja għall-baġit tal-KEDO, la taħt il-Ftehim imġedded li ser jiskadi fil-31 ta' Mejju 2013 u lanqas fi ħdan il-qafas tat-tiġdid awtomatiku possibbli; 3. Jekk, b'mod partikolari fiż-żmien tar-rivalutazzjoni annwali tas-sitwazzjoni abbażi tar-rapport tal-Kummissjoni, jirriżulta li t-termini stretti tal-parteċipazzjoni tal-Euratom fil-KEDO speċifikati hawn fuq mhumiex qed jiġu mħarsa jew jekk membru attwali tal-KEDO jiddeċiedi li jirtira minn dik l-organizzazzjoni, il-Euratom ser tikkunsidra minnufih l-irtirar immedjat mill-KEDO."	
2013/77/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2013 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni ĠU L 37, 8.2.2013, p. 1–1	14544/12

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li tikkonċerna d-Deċiżjoni Nru 1/2013 li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Veterinarju Konġunt stabbilit mill-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar kummerċ fi prodotti agrikoli fir-rigward tal-emendament tal-Appendiċijiet 1, 2, 3, 5, 6 u 10 tal-Anness 11 tal-Ftehim	16724/12
It-3220 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji), li saret fi Brussell fit-12 ta' Frar 2013	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
2013/86/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2013 dwar il-konklużjoni fisem l-Unjoni Ewropea tal-Protokoll Supplimentari ta' Nagoya-Kuala Lumpur dwar ir-Responsabbiltà u r-Rimedju għall-Protokoll ta' Kartajena dwar il-Bijosigurtà (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 46, 19.2.2013, p. 1-3	13582/12
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-linji gwida baġitarji għall-2014 tal-Kunsill	5757/13
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013	5809/1/13 REV 1
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija 2013	5810/13
Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fl-UE fl-2012	5811/13
It-3221 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport), li saret fi Brussell fil-15 ta' Frar 2013	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn l-Eurojust u l-Liechtenstein	5384/13
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ - reazzjoni għar-Reviżjoni tal-Edukazzjoni: Ninvestu fil-ħiliet għal eżiti soċjoekonomiċi aħjar u l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2013	6117/1/13 REV 1

It-3222 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijeit Barranin), li saret fi Brussell fit-18 ta' Frar 2013	
ATTI MHUX LEĠISLATIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali nru 18/2012 tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-"Assistenza tal-Unjoni Ewropea lill-Kosovo marbuta mal-istat tad-dritt" tat-30 ta' Ottubru 2012.	6253/13
Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-UE fil-Fora tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU	6309/13
Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/87/PESK tat-18 ta' Frar 2013 dwar il-bidu ta' missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati ta' Mali (EUTM Mali) ĠU L 46, 19.2.2013, p. 27-27	5497/1/13 REV 1
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea (RDPK)	6277/13
Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/88/PESK tat-18 ta' Frar 2013 li temenda d-Deċiżjoni 2010/800/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea ĠU L 46, 19.2.2013, p. 28-36	6087/13
Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/89/PESK tat-18 ta' Frar 2013 li temenda d-Deċiżjoni 2011/101/PESK dwar miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe ĠU L 46, 19.2.2013, p. 37-38	6203/13
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Mali	6239/13
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Viċinat tal-Lvant	6492/13
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sirja	6491/13
Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/160/PESK tas-27 ta' Marzu 2013 li temenda d-Deċiżjoni 2011/101/PESK dwar miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe ĠU L 90, 28.3.2013, p. 95-98	6203/13
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar iż-Żimbabwe	6289/13

It-3223 laqgħa tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (Kompetittività), li saret fi Brussell fid-19 ta' Frar 2013	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Li tistabilixxi relazzjonijiet xierqa bejn l-UE u l-Aġenzija Spazjali Ewropea"	6183/13
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 157/2013 tat-18 ta' Frar 2013 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-bijoetanol li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika ĠU L 49, 22.2.2013, p. 10-28	5613/13 COR 1 (de) COR 2 (de) REV 1 (lt)
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 158/2013 tat-18 ta' Frar 2013 li jimponi mill-ġdid dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu frott taċ-ċitru ppreparat jew ippriżervat (prinċipalment il-mandolin, eċċ.) li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ĠU L 49, 22.2.2013, p. 29-46	5778/13 COR 1 (et), COR 2 (lv), COR 3 (sl)

It-3225 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Agrikolutra u Sajd), li saret fi Brussell fil-25 u s-26 ta' Frar 2013

ATTI LEĠISLATIVI

ATT	DOKUMENT	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Regolament (UE) Nru 228/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2013 li jstabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 247/2006 ĠU L 78, 20.3.2013, p. 23-40	PE-CONS 67/12	Maġġoranza Kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur ħlief: Kontra: SE, UK
Dikjarazzjoni mill-Isvezja L-Isvezja ma temminx li hemm ġustifikazzjoni għal fondi addizzjonali għall-iskema ta' appoġġ għal miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni l-aktar imbiegħda tal-Unjoni. L-Isvezja ma tistax taċċetta ż-żieda fin-nefqa prevista fil-proposta, u għalhekk beħsiebha tivvota kontra.			
Regolament (UE) Nru 229/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2013 li jstabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura favur il-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1405/2006 ĠU L 78, 20.3.2013, p. 41-50	PE-CONS 68/12	Maġġoranza Kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Regolament (UE) Nru 227/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2013 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta' żgħar ta' organiżmi tal-baħar u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1434/98 li jispeċifika l-kondizzjonijiet li taħthom jistgħu jinħattu l-arangi għal skopijiet industrijali li mhux għall-konsum dirett tal-bniedem ĠU L 78, 20.3.2013, p. 1-22	PE-CONS 64/12	Maġġoranza Kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

Pożizzjoni (UE) Nru 2/2013 tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 adottat mill-Kunsill fil-25 ta' Frar 2013 ĠU C 89E, 27.3.2013, p. 1-24	17427/12 ADD 1 REV 1 ADD 1	Maġġoranza Kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur Ħlief: Astensjoni: UK
Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni Il-Kummissjoni tikkonferma li l-Uffiċċju ddikjara li huwa se jaġixxi f'kull mument f'konformità mal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea u mal-Istatut għall-Membri tal-Parlament Ewropew, filwaqt li jirrispetta b'mod sħiħ il-libertà u l-indipendenza tal-Membri kif previst fl-Artikolu 2 tal-Istatut.			
Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni Il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li żżomm il-poteri attwali tad-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi li permezz tagħhom jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-arranġamenti dettaljati għar-reklutaġġ fl-Uffiċċju, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda t-tul tal-kuntratti u t-tiġdid tagħhom.			
Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Kull darba li l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaħtru membri ġodda tal-Kumitat ta' Sorveljanza l-ġdid, huma għandhom jaħtru wkoll dawk il-membri biex jibdew il-kariga tagħhom fis-sostituzzjoni parzjali li jmiss.			
Deċiżjoni Nru 258/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2013 li temenda d-Deċiżjonijiet Nru 573/2007/KE u Nru 575/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/435/KE bil-ħsieb li tiżdied ir-rata ta' kofinanzjament għall-Fond Ewropew għar-Refuġjati, il-Fond Ewropew għar-Ritorn u l-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi fir-rigward ta' ċerti dispożizzjonijiet marbutin mal-ġestjoni finanzjarja għal ċerti Stati Membri li qed jesperjenzaw jew huma mhedda b'diffikultajiet serji fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom ĠU L 82, 22.3.2013, p. 1-5	PE-CONS 71/12	Maġġoranza Kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur ħlief: Astensjoni: NL Mhux jipparteċipaw: DK

Deċiżjoni Nru 259/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2013 li temenda d-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE bil-ħsieb li tiżdied ir-rata ta' kofinanzjament tal-Fond għall-Fruntieri Esterni għal ċerti Stati Membri li qed jesperjenzaw jew huma mhedda b'diffikultajiet serji fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom ĠU L 82, 22.3.2013, p. 6-9	PE-CONS 72/12	Maġġoranza Kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur: Ħlief: Astensjoni: NL Mhux jipparteċipaw: IE, UK, DK
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI			
ATT		DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET	
2013/149/UE: Deċiżjoni Nru 1/2013 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tas-6 ta' Marzu 2013 dwar il-ħatra tal-membri tal-Bord tad-Diretturi taċ-Ċentru għall-Iżvilupp tal-Intrapriżi (ĊŻI) ĠU L 84, 23.3.2013, p. 28-28		6376/13	
2013/125/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Frar 2013 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fl-għamla ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 fir-rigward tal-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija matul l-adeżjoni tagħhom fl-Unjoni Ewropea ĠU L 69, 13.3.2013, p. 4-4		12213/12	
Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/178/PESK tal-25 ta' Frar 2013 dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mali dwar l-istatus fir-Repubblika ta' Mali tal-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea sabiex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati tal-Mali (EUTM Mali) ĠU L 106, 16.4.2013, p. 1-1		6036/13 REV 1 (it)	

It-3226 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur) li saret fi Brussell fit-28 ta' Frar 2013	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' ċerti propositi sottomessi lis-16-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet (CoP 16) għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES), Bangkok, it-Tajlandja, 3-14 ta' Marzu 2013	6378/1/13 REV 1 ADD 1 REV 1
Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Il-Kummissjoni hija tal-fehma li d-Deċiżjoni tal-Kunsill għandha tkun ibbażata fuq żewġ bażijiet legali sostantivi, jiġifieri l-Artikolu 207 TFUE dwar il-kummerċ u l-Artikolu 192 TFUE dwar l-ambjent minħabba li daww id-deċiżjonijiet li ser jittieħdu fil-Konferenza tal-Partijiet (COP) għandhom l-għan speċifiku li jirregolaw il-kummerċ internazzjonali tal-ispeċijiet ikkonċernati u għandhom effett dirett u immedjat fuq dan il-kummerċ. Il-Kummissjoni minn dejjem kellha din il-pożizzjoni u jiddispjaċiha li l-Kunsill iddevja mill-proposta tal-Kummissjoni dwar il-bażi legali, fid-dawl tal-implikazzjonijiet kummerċjali sinifikanti ta' CITES u l-kwistjonijiet li qed jiġu diskussi fil-COP.	
Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati dwar ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles dwar it-tiġdid tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd	6497/13
Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Il-Kummissjoni ma tqisx li hu meħtieġ li Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati tindika bażi legali sostantiva. Madankollu, il-Kummissjoni mhijiex kuntrarja għaliha f'dan il-każ minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari fis-settur.	
Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/109/PESK tat-28 ta' Frar 2013 li temenda d-Deċiżjoni 2012/739/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja ĠU L 58, 1.3.2013, p. 8-8	6599/13
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi fil-kuntest tas-Semestru Ewropew: gwida politika dwar politiki soċjali u daww dwar l-impjiegi	6462/13